Avviv Numru CCT 163/12/GZ

**Edward Balzan**

**vs**

**Boris Arcidiacono Ltd. – Boris Arcidiacono**

Illum 13 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrent talab illi ma jhallasx l-ammont ta' hamsin Ewro (€50.00) lis-socjeta' ntimata, rapprezentanti l-ammont li ntalab ihallas sabiex isir xoghol ta' tiswija fuq pultruna li huwa xtara minghand is-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara pultruna minghand is-socjeta' ntimata, liema sufan kien kopert b'garanzija ta' ghaxar (10) snin fuq il-metal intern u l-molol, u kopert b'garanzija ta' hames (5) snin fuq il-materjal ta' gewwa. Wara tliet (3) xhur ta' uzanza, il-'foam' fid-dahar tal-pultruna ceda. Ghalhekk, ir-rikorrent kien cempel lis-socjeta' ntimata, fejn hija kienet marret fuq il-post, rat il-pultruna in kwistjoni, u qablet illi kellu jigi mibdul il-'foam' fid-dahar tas-sufan. Wara tliet (3) xhur, il-parts waslu u r-rikorrent kien gie kkuntattjat mis-socjeta' ntimata, fejn hija nformatu illi kellu jhallas l-ispejjez ta' hamsin Ewro (€50.00) ghat-tiswija. Ir-rikorrent kien ilmenta mas-

socjeta' ntimata. Skond ir-rikorrent, fil-garanzija ma hemm xejn li jispecifika li jkun hemm hlas fuq il-'labour'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Preliminarjament l-intimat Boris Arcidiacono ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u mhuwiex il-legittimu kontradittur u dana stante li hu ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fuq bazi preliminari, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda u dana peress illi, il-konsumatur ma jistax jitlob r-rimedji minnu pretiz u dana stante li huwa naqas li jottempora ruhu mal-Artikolu 79(1) u (2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta bin-nuqqas ta' konformita allegata u dana peress illi r-rikorrent ma avzax bil-miktub (ossija permess ta' att gudizzjarju u/jew ittra registrata) lill-intimat fi zmien xahrejn mid-data meta huwa ntebah bl-allegat difett.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-pultruna in kwistjoni giet ikkonsenjata lir-rikorrent f'kundizzjoni perfetta tant illi Edward Balzan kien iffirma mal-konsenja tal-pultruna illi l-pultruna giet konsenjata *"in good order and condition"* u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

4. Illi ulterjorament il-verzjoni tar-rikorrent mhijiex wahda kredibbli peress illi ma huwiex verosimili illi wiehed jallega difett ta' dan it-tip.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu wkoll, jigi rilevat illi:

i. Mhux minnu li l-prodott kellu xi nuqqasijiet u dan kif gie spjegat kemm il-darba lir-rikorrent f'diversi korrispondenza.

ii. Illi l-*armchair* li dwaru qed issir din il-kawza din hija pultruna tal-gilda ta' kwalita gholja hafna u dan id-dahar tal-gilda jiehu l-forma tad-dahar malli jibda jintuza.

iii. Illi anki wara li rapprezentanti tas-socjeta' intimata u senjatament l-intimat kif imharrek kienu marru fir-residenza tar-rikorrent u ra l-imsemmi siggu, u kien kkonstata li ma kien hemm ebda difett.

iv. Illi fil-fatt anki l-agent minn barra ma kkunsidrax li kien hemm *quality issue* fil-prodott kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok. BA2 li hu email minghand l-agent minn barra.

v. Illi t-talba sabiex tinbidel din l-*insert* ma kienitx inkluza fil-garanzija billi ma kien hemm l-ebda *quality issue* li kellha tigi sorvolata fil-pultruna mertu ta' din il-kawza.

6. Illi l-intimat ma ghandux ibaghti spejjez ta' din il-procedura u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' email mibghuta minghand l-agent lis-socjeta' ntimata, immarkata bhala Dok.BA2.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent, ezebixxa kopja ta' email mibghuta minghandu lis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.EB.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet affidavit ta' Boris Arcidiacono, li giet immarkata bhala Dok.BA1; set ritratti li gew immarkati bhala Dok.BA2 u Dok.BA3; flimkien mal-ktieb tal-garanzija u l-'manual'.

It-Tribunal qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, huwa konvint illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u a bazi tat-tieni eccezzjoni, hekk milqugha min dan it-Tribunal, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**